MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2008

Numru 528/2008

Il-Pulizija
(Spettur Trevor Micallef)

vs

Clayton Bugeja

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 78690(M) akkuzat talli:

1. f'dawn il-gzejjer nhar id-19 ta' Gunju 2008, ghall-habta 9:15p.m barra l-fond Block I, Door B, Flat 2, Triq Francesco Balbi Ta' Giorni, San Giljan volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioè diversi oggetti u hwejjeg, liema hsara tiskorri €116.47, izda ma tiskorrix €1164.69 ghad-dannu ta' Joseph Galea u Stella Galea;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna biza lil Joseph Galea u Stella Galea li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjetà taghhom;
3. hedded bil-fomm lill-istess Joseph Galea u Stella Galea b'delitt, fejn flimkien dan it-theddid kien hemm ordni jew kundizzjoni;
4. qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha;
5. volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u glied.

Il-Qorti hi mitluba illi f'kaz ta' htija tiprovdi ghal garanzija ta' Joseph Galea u Stella Galea skond l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputat jirregistra ammisjoni fl-liema ammisjoni huwa baqa jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Ikkonsidrat:

Illi stante l-ammisjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Dwar l-ewwel u t-tieni akkuza rat l-Artikolu 325 u 251 tal-Kap 9 u in linja ta' piena tiddeciedi li tilliberah billi tapplika l-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sitt xhur mil-lum sakemm l-imputat ma jikkommettix reat iehor f'dan il-perjodu;

Dwar it-tielet u r-raba' akkuza rat l-Artikolu 339(d) u 338(bb) u tikkudannah 20 euro relattivament kull akkuza, jigifieri 40 euro komplessivament;

Dwar il-hames akkuza rat l-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 u tikkundannah ic-canfira.

Tapplika wkoll fil-konfront tal-imputat l-Artikolu 383 tal-Kap 9 u tobbliga lill-imputat li ma jimmolestax lil Joseph u Stella Galea ghall-perjodu ta' sena taht garanzija personali ta' €200.

Fil-konsiderazzjoni tal-piena ghar-reati addebitati lill-imputat u li taghhom gie dikjarat hati l-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll l-Artikolu 17 tal-Kap 9, l-fedina penali u l-istqarrija minnu rilaxxjata u esebita fl-atti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------